DEĊIŻJONI (UE) 2022/134 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-19 ta' Jannar 2022

li jistabbilixxi regoli komuni dwar it-trażmissjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew ta' informazzjoni superviżorja lill-awtoritajiet u l-korpi bil-għan li jwettqu l-kompiti kkonferiti lilu mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 (BĊE/2022/2)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, b'rispett reċiproku sħiħ, jassistu lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti li joħorġu mit-Trattati, u l-Artikolu 13(2) tal-istess Trattat jirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jipprattikaw kooperazzjoni sinċiera reċiproka. L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jirrikjedi li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jikkoopera ma' awtoritajiet u korpi nazzjonali u tal-Unjoni oħrajn.

(2) Sabiex il-BĊE jikkonforma mal-Artikolu 3 u jwettaq il-kompiti kkonferiti lilu mill-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, huwa meħtieġ li jittrażmetti l-informazzjoni superviżorja miżmuma minnu lill-awtoritajiet u l-korpi nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali.

(3) Skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 il-BĊE jista', għall-iskop li jwettaq il-kompiti mogħtija lilu minn dak ir-Regolament u fil-limiti u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dritt rilevanti tal-Unjoni, jiskambja informazzjoni ma' awtoritajiet u korpi nazzjonali jew tal-Unjoni meta d-dritt rilevanti tal-Unjoni jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jiżvelaw informazzjoni lil dawk l-entitajiet jew fejn l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għat-tali żvelar skont id-dritt rilevanti tal-Unjoni.

(4) Hemm ukoll ċirkostanzi fejn il-BĊE jittrażmetti informazzjoni superviżorja lill-awtoritajiet u korpi minħabba obbligu skont id-dritt tal-Unjoni. Pereżempju, skont l-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-awtoritajiet kompetenti huma obbligati, fuq talba tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), li jibagħtu lill-ABE l-informazzjoni kollha meqjusa rilevanti dwar strumenti kapitali ġodda maħruġa sabiex tkun tista' timmonitorja l-kwalità tal-istrumenti ta' fondi proprji maħruġa minn istituzzjonijiet madwar l-Unjoni.

(5) It-trażmissjoni ta' informazzjoni superviżorja lill-awtoritajiet u korpi tippresupponi valutazzjoni, marbuta mat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lill-BĊE mir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, tal-adegwatezza ta' tali trażmissjoni.

(6) Konsegwentement, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni dwar it-trażmissjoni ta' informazzjoni superviżorja miżmuma mill-BĊE lill-awtoritajiet u korpi li jistgħu jiġu kkomplementati minn memoranda ta' ftehim jew forom oħra ta' strumenti bilaterali jew multilaterali dwar tali trażmissjoni konklużi mill-BĊE ma' tali awtoritajiet jew korpi.

(7) Ir-regoli komuni stabbiliti f'din id-Deċiżjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' strumenti oħra li jistabbilixxu regoli speċifiċi dwar kategoriji partikolari ta' trasmissjoni ta' informazzjoni superviżorja lill-awtoritajiet u korpi. Dan japplika, pereżempju, fir-rigward ta' memoranda ta' ftehim, li fihom il-BĊE jeżerċita d-diskrezzjoni politika tiegħu u jimpenja ruħu li jittrażmetti informazzjoni lil awtoritajiet jew korpi

([1]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

li jirċievu speċifiċi. Barra minn hekk, ir-regoli komuni stabbiliti f'din id-Deċiżjoni ma għandhomx japplikaw għat-trażmissjoni ta' informazzjoni superviżorja rregolata minn oqfsa legali differenti, bħall-iżvelar ta' informazzjoni lill-awtoritajiet tal-investigazzjoni kriminali, lill-kumitati ta' inkjesta parlamentari u lill-awdituri tal-istat. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jista' jkopri wkoll it-trasmissjoni ta' *data* personali.

(8) Din id-Deċiżjoni u strumenti oħra li jistabbilixxu regoli speċifiċi dwar it-trażmissjoni ta' informazzjoni superviżorja jinvolvu diskrezzjoni politika. Għalhekk, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni stabbilita fl-Artikolu 26(8) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

(9) Ir-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u fi kwalunkwe strument ieħor dwar kategoriji partikolari ta' trasmissjoni ta' informazzjoni superviżorja għandhom jiġu applikati mill-membri tal-persunal responsabbli għall-approvazzjoni ta' tali trasmissjoni, kif determinat mill-Bord Eżekuttiv. Skont l-Artikolu 11.6 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Centrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bord Eżekuttiv huwa responsabbli għan-negozju kurrenti tal-BĊE. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 10.1 u 10.2 tad-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tal-Bank Ċentrali Ewropew ([3]) jipprovdu li l-unitajiet ta' ħidma kollha tal-BĊE jaqgħu taħt id-direzzjoni maniġerjali tal-Bord Eżekuttiv. Skont l-Artikolu 13 m.1 tad-Deċiżjoni BĊE/2004/2, il-kompetenza tal-Bord Eżekuttiv fir-rigward tal-istruttura interna u l-persunal tal-BĊE tħaddan kompiti superviżorji.

(10) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar it-trażmissjoni ta' informazzjoni superviżorja miżmuma mill-BĊE lil awtoritajiet u korpi oħra jew miżmuma mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013. It-trażmissjoni ta' informazzjoni superviżorja lill-awtoritajiet u korpi li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni trid tiġi approvata skont il-proċedura xierqa tat-teħid tad-deċiżjonijiet,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli komuni dwar it-trażmissjoni ta' informazzjoni superviżorja miżmuma mill-BĊE lill-awtoritajiet u lill-korpi kif definit fl-Artikolu 2(2).

2. Din id-Deċiżjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar it-trażmissjoni ta' informazzjoni superviżorja miżmuma mill-BĊE lil awtoritajiet u korpi oħrajn jew miżmuma mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "informazzjoni superviżorja" tfisser kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali miżmuma mill-BĊE, li t-trażmissjoni tagħha lill-awtoritajiet u korpi tippresupponi valutazzjoni, marbuta mat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lill-BĊE mir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, dwar l-adegwatezza ta' tali trażmissjoni;

(2) "awtoritajiet u korpi" tfisser awtoritajiet u korpi nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali, ħlief awtoritajiet nazzjonali kompetenti kif definiti fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, kif identifikati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni;

(3) "deċiżjoni li jiġu allokati kompiti" tfisser deċiżjoni li permezz tagħha l-Bord Eżekuttiv jalloka lil uffiċjal tal-approvazzjoni tat-trażmissjoni l-kompitu li japplika r-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u/jew, kif xieraq, ir-regoli speċifiċi stabbiliti fi strumenti applikabbli għal kategoriji partikolari ta' trażmissjoni ta' informazzjoni superviżorja;

([3]) Id-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Frar 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 80, 18.3.2004, p. 33).

(4) "awtorizzazzjoni tat-trażmissjoni" tfisser l-approvazzjoni għat-trażmissjoni ta' informazzjoni superviżorja lill-awtoritajiet u korpi mogħtija minn uffiċjal tal-approvazzjoni tat-trażmissjoni fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u/jew, kif xieraq, strumenti li jistabbilixxu regoli speċifiċi applikabbli għal kategoriji partikolari ta' trażmissjoni ta' informazzjoni superviżorja, skont deċiżjoni li jiġu allokati l-kompiti.

Artikolu 3

Regoli komuni dwar it-trażmissjoni ta' informazzjoni superviżorja

1. Il-BĊE għandu jittrażmetti informazzjoni superviżorja lill-awtoritajiet u korpi jekk:

(a) il-liġi applikabbli tawtorizza t-trażmissjoni ta' tali informazzjoni superviżorja lil dawk l-awtoritajiet u korpi u l-kundizzjonijiet stabbiliti għal dik l-awtorizzazzjoni huma ssodisfatti;

(b) l-informazzjoni superviżorja tkun adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva fil-kamp ta' applikazzjoni fir-rigward tal-kompiti ta' dawk l-awtoritajiet jew korpi rilevanti; u

(c) ma jkun hemm ebda raġuni imperattiva biex jiġi rrifjutat l-iżvelar ta' dik l-informazzjoni superviżorja relatata mal-ħtieġa li tiġi evitata kwalunkwe interferenza mal-funzjonament u l-indipendenza tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, b'mod partikolari billi jiġi pperikolat it-twettiq tal-kompiti tiegħu.

2. Jekk jidher li jeżistu raġunijiet prevalenti għar-rifjut ta' żvelar tal-informazzjoni superviżorja msemmija fil-paragrafu (1)(c), il-Kunsill Governattiv għandu jiddeċiedi dwar it-trażmissjoni ta' informazzjoni superviżorja, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26(8) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

3. Ir-regoli komuni stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola speċifika kif imsemmi fl-Artikolu 4.

Artikolu 4

Strumenti li jistabbilixxu regoli speċifiċi

Din id-deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal strumenti oħra li jistabbilixxu regoli speċifiċi jew komplementari dwar kategoriji partikolari ta' trażmissjoni ta' informazzjoni superviżorja lill-awtoritajiet u l-korpi.

Artikolu 5

Approvazzjoni tat-trażmissjoni

L-uffiċjali tal-approvazzjoni tat-trażmissjoni għandu jkollhom ir-responsabbiltà li japprovaw it-trażmissjoni tal-informazzjoni superviżorja mill-BĊE u għandhom japplikaw f'dan ir-rigward ir-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u/jew, kif xieraq, kwalunkwe regola speċifika stabbilita fl-istrumenti msemmija fl-Artikolu 4, skont deċiżjoni biex jiġu allokati kompiti.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ħames jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-19 ta' Jannar 2022.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS

Awtorità jew korp riċevitur	Introduzzjoni u bażi legali
Il-Kummissjoni Ewropea	Artikolu 32 tar-Regolament MSU ([1])
L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku	L- Artikolu 53(2) tas-CRD ([2]) flimkien mal-Artikolu 35(1) tar-Regolament EBA ([3]) jew l-Artikolu 80 tas-CRR ([4]), l-Artikolu 15 tar-Regolament BERS ([5]) L-Artikolu 9a tar-Regolament ABE
Awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni prudenzjali fl-Unjoni Ewropea u fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) fir-rigward ta' parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti u proċeduri ta' liċenzjar jew proċeduri oħrajn imsemmija fil-leġiżlazzjoni rilevanti	L-Artikolu 56 u l-Artikoli 16(3), 24(2), 50(4) tas-CRDu dispożizzjonijiet oħrajn fid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 26 u 60 fis-Solvibbiltà II ([6]) u l-Artikoli 11 u 84 tal-MiFID ([7])
Awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ta' riżoluzzjoni li jipparteċipaw f'kulleġġ prudenzjali skont is-CRD, jew f'arranġamenti skont il-FICOD jew gruppi ta' ġestjoni ta' kriżijiet Din il-kategorija tkopri l-iskambju ta' informazzjoni fi ħdan kulleġġi prudenzjali skont is-CRD u l-FICOD u l-gruppi tal-immaniġġjar tal-kriżijiet kif ukoll l-aġġornamenti annwali mhux diskrezzjonali u t-terminazzjoni ta' arranġamenti bil-miktub ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni, arranġamenti ta' koordinazzjoni skont il-FICOD u arranġamenti ta' kooperazzjoni għal gruppi ta' ġestjoni tal-kriżijiet	L-Artikolu 116 tas-CRD għal arranġamenti bil-miktub ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni; L-Artikolu 11 tal-FICOD ([8]) għal arranġamenti ta' konglomerat finanzjarju; L-Artikoli 90, 97 u 98 tal-BRRD ([9]) għal arranġament ta' kooperazzjoni relatati ma' gruppi ta' ġestjoni tal-kriżijiet; L-Artikoli 88 u 90 tal-BRRD għal arranġamenti bil-miktub tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.
Awtoritajiet li huma parti minn kulleġġ tal-AML/tal-Ġlieda kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu (CFT)	L-Artikolu 117(5) tas-CRD (għall-awtoritajiet superviżorji tal-AML/CFT u l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja u t-termini tal-parteċipazzjoni konklużi għall-kulleġġ speċifiku tal-AML/CFT). Għall-iskambju ta' informazzjoni ma' tipi ta' awtoritajiet oħrajn li jipparteċipaw fil-kulleġġ, il-bażi legali tista' tvarja (nota: il-kulleġġi AML/CFT huma rregolati minn linji gwida konġunti dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni għall-fini tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) bejn l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u partijiet oħra; dawk il-linji gwida mhumiex indirizzati lill-BĊE).
L-awtoritajiet superviżorji tal-AML/CFT li ffirmaw il-Ftehim Multilaterali dwar il-modalitajiet prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 57a(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 (minn hawn' il quddiem il-"Ftehim AML")	L-Artikolu 117(5) tas-CRD, l-Artikolu 3(4) u (5) tal-Ftehim AML
Awtoritajiet superviżorji tal-AML/CFT u unitajiet tal-intelligence finanzjarja tal-Istati Membri	L- Artikolu 117(5) tas-CRD u l-Linji Gwida tal-EBA dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-superviżuri prudenzjali, is-superviżuri tal-AML/CFT u l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja taħt id-Direttiva 2013/36/UE (EBA/GL/2021/15) ([11])

L-awtoritajiet nazzjonali tas-suq fl-Unjoni u fiż-ŻEE	L-Artikolu 56 tas-CRD
Superviżuri nazzjonali tal-assigurazzjoni fl-Unjoni u fiż-ŻEE	L-Artikolu 56 tas-CRD
Skemi ta' garanzija tad-depożiti, skemi kuntrattwali jew istituzzjonali ta' protezzjoni, awtoritajiet tal-kompetizzjoni	L-Artikolu 56 tas-CRD, jew liġi nazzjonali li teħtieġ opinjoni mis-superviżur prudenzjali
Awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni fl-Unjoni u fiż-ŻEE	L-Artikolu 56 tas-CRD
Superviżuri makroprudenzjali nazzjonali għal kompiti barra mill-ambitu tal-Artikolu 5 tal-SSMR	L-Artikolu 56 tas-CRD
Awdituri statutorji ta' istituzzjonijiet sinifikanti	L-Artikolu 56(f) tas-CRD Linji Gwida tal-EBA dwar il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-awditur(i) statutorju/statutorji u d-ditta/ditti tal-awditjar li jwettqu l-awditjar statutorju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (EBA/GL/2016/05) ([12])
Awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni tas-swieq finanzjarji jekk maħtura skont l-Artikolu 24(1) b'rabta mal-Artikolu 24(4)(h) tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) **(infurzaturi tal-kontabbiltà)**	L-Artikolu 56 tas-CRD
Awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorveljanza ta' persuni inkarigati mit-twettiq ta' awditi statutorji tal-kontijiet ta' istituzzjonijiet, impriżi tal-assigurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji (infurzaturi tal-awditjar)	L-Artikolu 57 tas-CRD
Awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorveljanza tal-korpi involuti fl-istralċ u fil-falliment ta' istituzzjonijiet u fi proċeduri oħra simili	L-Artikolu 57 tas-CRD
L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorveljanza ta' skemi ta' protezzjoni kuntrattwali jew istituzzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 113(7) tas-CRR	L-Artikolu 57 tas-CRD
Awtoritajiet jew korpi nazzjonali legalment responsabbli għad-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' ksur tal-liġi tal-kumpaniji	L-Artikolu 57 tas-CRD
Awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorveljanza tas-sistemi ta' pagament	L-Artikolu 58 tas-CRD
Korpi internazzjonali (il-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji, il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja)	L-Artikolu 58a tas-CRD, bl-eċċezzjoni tal-kondiviżjoni tad-*data* (eż. il-moduli tal-Istandards Tekniċi ta' Implimentazzjoni) għat-testijiet tal-istress

Awtoritajiet superviżorji prudenzjali f'pajjiżi terzi	L-Artikolu 55 tas-CRD Skambju ta' informazzjoni skont l-arranġamenti (memoranda ta' qbil (MtQ), arranġamenti bil-miktub ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni (WCCAs), ftehimiet ta' kooperazzjoni transfruntiera speċifiċi għall-istituzzjoni (CoAgs) żviluppati minn gruppi ta' ġestjoni tal-kriżijiet (CMGs), arranġamenti bil-miktub ta' riżoluzzjoni (WAs) eċċ.) jew ftehimiet *ad hoc*
Suq nazzjonali, assigurazzjoni, jew awtoritajiet simili f'pajjiżi terzi	L-Artikolu 55 tas-CRD u arranġamenti applikabbli (MtQ, WCCAs, CoAgs, WAs ta' riżoluzzjoni eċċ.) jew ftehimiet *ad hoc*
Awtoritajiet superviżorji tal-AML/CFT u unitajiet tal-intelligence finanzjarja f'pajjiżi terzi	L-Artikolu 55 tas-CRD u, fejn rilevanti, MtQ jew arranġamenti oħra ta' kooperazzjoni
Awtoritajiet ta' riżoluzzjoni f'pajjiżi terzi	L-Artikolu 55 tas-CRD, l-Artikoli 97 u 98 tal-BRRD, b'rabta mal-arranġamenti applikabbli

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

([2]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li ħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([5]) Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar Ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

([6]) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

([7]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

([8]) Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1).

([9]) Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

([10]) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li ħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

([11]) Jinsab fis-sit elettroniku tal-EBA fi www.eba.europa.eu

([12]) Jinsab fis-sit elettroniku tal-EBA.

([13]) Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE, (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).